# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-19 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 116/2022 JPG**

**Kawza Numru : 15**

**RP**

**U**

**MS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' RP u MS datat 28 ta' Frar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg, immarkat Dok A.*

*Illi huma ormai legalment separati minn xulxin sa mill-hmistax ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (15.2.2022) u dana permezz ta' kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Patricia Vella Haber LL.D, kopja awtentikata ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, Dok B.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom ghall-ahhar xhur jghixu hajja separata minn ma xulxin, ormai huma wkoll legalment separati, b'dan illi r-rikorrent RPghandu wkoll il-hsieb li jhalli dawn il-gzejjer ghal kollox.*

*Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lill-parti l-ohra kwantu ghall-manteniment ghalihom li rrinunzjaw ghalih fi klawsola numru tnejn (2) tal-istess kuntratt, u lanqas ma hemm pendenzi kwantu ghall-manteniment ta' minuri stante li l-partijiet m'ghandhomx ulied.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlobu reverentement illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku[1];*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 24 ta' Marzu 2022 li permezz taghha iz-zewg rikorrenti iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghad-digriet finali.

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RP xehed** (vide affidavit a fol 12) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-11 ta' Dicembru 2020 wara relazzjoni qasira ta bejn wiehed u iehor sena u nofs u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt nhar il-15 ta' Frar 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber. Di piu' l-attur xehed li huwa kien huwa kien telaq mill-appartament li kien qed jikri ma martu bhala residenza

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet ta' din il-Qorti datata 19 ta' Mejju 2022

matrimonjali taghhom f'April 2021 u ghaldaqstant il-partijiet ilhom jghixu separatament minn din id-data. Iddikjara illi mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni. Ikkonferma di piu', li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**MS xehdet** (vide affidavit a fol 13) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar il-11 ta' Dicembru 2020, liema zwieg igib c-certifikat numru 1777/2020 (Vide, certifikat taz-zwieg fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat nhar il-15 ta' Frar 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber (Vide Dok B, fol 4 et seqq) Jirrizulta pero illi l-partijiet kienu separati de facto sa minn April 2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi

sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1777/2020 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**